**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kaz Numru: 295/2021**

**Repubblika ta' Malta**

**(Spettur Wayne Rodney Borg)**

**vs.**

**Sandro Barbara**

Illum il-24 ta' Gunju 2021

Il Qorti:

Rat illi tressaq Sandro Barbara ta' tnejn u erbgħin (42) sena, bin Mario Barbara u Maria Antoinette Barbara née Fondacaro, imwieled il-Pietà fis-17 ta' Diċembru tas-sena 1978, residenti ġewwa 109, El Nido, Triq iz-Zerniq, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identità 3479M;

Akkużat talli, f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' Novembru 2020 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Bil-ħsieb li tagħmel, taħbi jew turi ħaġa b'oħra dwar xi reat, toħloq jew tuża xi fattura jew xi dokument jew *record* ta' kontabilità ieħor li jkun fih informazzjoni falza jew mhux kompleta jew jommetti b'mod mhux leġittimu milli jirreġistra xi ħlas;

2. Mingħajr awtorizzazzjoni għamilt użajt *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dik il-*computer* jew f' xi *computer* ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull *data,* software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

3. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi urejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex tqanqal tama jew biżà dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qligħ b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000) għad-dannu tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi;

4. Bi ħsara ta' ħaddieħor, għamilt xi qligħ ieħor b'qerq ta' aktar minn ħamest elef Euro (€5000);

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku wettaqt reat illi kellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek kellek d-dmir li timpedixxi;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma propjeta` tagħhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta′ mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta′ Malta, u kif ukoll ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiiet ta′ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta′ ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta′ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat jħallas l-ispejjeż li ghandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza tas-17 ta′ Gunju 2021, wara li l-ufficjal prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta′ l-imputat, iddikjara li huwa hati ta′ l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih.

Fl-istess udjenza tas-17 ta′ Gunju 2021 l-imputat wiegeb li kien hati ta′ l-akkuzi fil-konfront tieghu u irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara li l-Qorti a tenur ta′ l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta avzatu u wissietu solennement bil-konsegwenzi legali ta′ dik l-ammissjoni u ikkonceditlu zmien bizzejjed biex jerga′ jikkonsulta ma l-avukat tieghu u jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga lura minnha.

Rat li l-imputat rega' tenna u kkonferma l-ammissjoni inkondizzjonata tieghu.

Rat li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat.

Rat illi ma hemmx raġuni tajba ai termini tal-Art. 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-Qorti tiddubita li nonostante l-ammissjoni tieghu, l-imputat effettivament mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, ghalhekk li l-akkużi huma sodisfacjentement ppruvati.

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-imputat Sandro Barbara Ivan ipprezentant nhar il-17 ta' Gunju 2021 li saret ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fir-rikors kongunt hemm iddikjarat illi l-partijiet qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-imputat Sandro Barbara ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih, il-piena li ghandha tigi nflitta fuqu minn din il-Onorabbli Qorti ghandha tkun dik ta' sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jigu sospizi ghall-erba' snin mid-data tal-ordni u multa ta' elfejn ewro (€2,000) u dan oltre l-hlas ta' spejjez peritali kollha inkorsi f'dan il-kaz.

Fl-istess rikors kongunt, il-partijiet iddikjaraw illi fil-konsiderazzjonijiet taghhom dwar il-piena maqbula, ittiehed kont tad-dispozizzjoni tal-artikolu 337 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jidikkjaraw li m'ghandhomx aktar sottomissjonjiet finali u jistriehu fuq ir-rikors kongunt taghhom.

Rat l-atti kollha.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi b'amissjoni inkondizzjonata ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu waqt is-seduta tas-17 ta' Gunju 2021 din il-Qorti m'ghandiex ghazla ohra ghajr li ssibu hati tar-reati addebitati lilu u ser tghaddi biex tippronunzja sentenza fil-konfront tieghu.

Madankollu ghall-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

il-Qorti hadet in konsiderazzjoni is-segwenti.

- L-amissjoni ta' l-imputat saret fl-iktar stadju bikri tal-proceduri u ghandha, konsegwentement titqies bhala attenwanti favur l-imputat fic-cirkostanzi tal-kaz. Il-Qorti tqis ukoll li din l-ammissjoni saret minghajr ebda riservi. Ghalhekk il-Qorti qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hatja jammettu l-htijiet taghhom u b'hekk jiffrankaw hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja.

  Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[1], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[2], u

[1] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[2] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]

**ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[3] u **Blackstone's Criminal Practice.**[4]

- Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-partijiet, inkluz ta' l-Avukat Generali dwar il-piena li din il-Qorti ghandha tikkunsidra f'kaz ta' ammissjoni. Din il-Qorti tara li l-piena li giet rakkomandata hija entro l-parametri li tipprovdi l-ligi dwar dan ir-reat kif ukoll tqis li r-rakkomandazzjoni hija ragonevoli tenut ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tarax li ma ghandiex raguni valida biex ma tistriehx fuq din ir-rakomandazzjoni u sejra tghaddi sabiex tikkonsidra serjament.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku.

[3] Thomson Reuteurs, S-29
[4] Blackstone Press Limited – 2006 edition

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 121B, 337C(1)(a), 308, 309 u 141 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Sandro Barbara **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh u tikkundannah ghall-piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin millum kif ukoll **multa** ta' elfejn ewro (**€2,000**).

Il-Qorti ai termini ta' l-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*, tal-istrumenti li servew jew li kien maħsub li jservu sabiex isir id-delitt.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**Moghtija illum nhar il-24 ta' Gunju 2021 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**